

**Appell ippreżentat fil-25 ta' April 2014 minn Robert Walton mid-digriet mogħti mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-27 ta' Frar 2014 fil-Kawża F-32/13, Walton vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-261/14 P)

(2014/C 235/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Robert Walton (Oxford, ir-Renju Unit) (rappreżentant: F. Moyse, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

- tannulla d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tas-27 ta' Frar 2014, fil-Kawża F-32/13, Walton vs Il-Kummissjoni;
- tirrinvija l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sabiex jeżamina it-tielet motiv invokat fir-rikors promotur u jiddiċiedi fuq iż-żewġ motivi l-oħra skont is-sentenza appellata;
- tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż tal-proċedura tal-appell u tal-proċedura tal-ewwel istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka erba' aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq ksur tal-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku Ewropew ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu u naqas milli jiddiċiedi fuq motiv imqajjem fl-ewwel istanza.
2. It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju tal-awtorità ta' res judicata peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta-klassifikazzjoni legali żbaljata lis-suġġetti u r-raġunijiet tad-deċiżjonijiet u sentenzi msemmija b'paragun mas-suġġett tar-rikors fl-ewwel istanza.
3. It-tielet aggravju bbażat fuq ksur tad-dritt għal smiġħ xieraq.
4. Ir-raba' aggravju bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-aspettattivi leġittimi li jiġġeneraw żball skużabbi għall-appellant.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' April 2014 – Bionecs vs UASI – Fidia Farmaceutici (BIONECS)**

(Kawża T-262/14)

(2014/C 235/35)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Bionecs GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Knitter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Fidia Farmaceutici SpA (Abano Terme, l-Italja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-6 ta' Frar 2014 , fil-Każ R 1179/2013-1;